DIGRIET TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Il-Ħames Awla)

19 ta' Frar 2008 *

Fil-Kawża T-82/06,

Apple Computer International, stabbilita f'Cork (l-Irlanda), irrappreżentata minn G. Breen, solicitor, P. Sreenan, SC, u B. Quigley, barrister,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn X. Lewis u J. Hottiaux, bħala aġenti,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tar-Regolamant tal-Kummissjoni (KE) Nru 2171/2005, tat-23 ta' Diċembru 2005, dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 346, p. 7),

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (Il-Ħames Awla)

komposta minn M. Vilaras, President, M. Prek (Relatur) u V. Ciucă, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

Digriet

Il-kuntest ġuridiku

Nomenklatura Magħquda

1 Sabiex tiġi applikata t-tariffa doganali komuni kif ukoll sabiex jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' l-istatistika dwar il-kummerċ estern tal-Komunità u ta' politiki oħra Komunitarji dwar l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' merkanzija, il-Kunsill, permezz

ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar in-Nomenklatura Magħquda"), stabbilixxa nomenklatura kompluta ta' merkanzija importata jew esportata fil-Komunità (iktar 'il quddiem in-"Nomenklatura Magħquda"). Din in-nomenklatura tinsab fl-Anness I ta' dan ir-regolament.

2 Sabiex tassigura l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda fil-Komunità, il-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' kumitat ta' rappreżentanti ta' l-Istati Membri (iktar 'il quddiem il-"Kumitat tan-Nomenklatura", tista' tadotta ċertu numru ta' miżuri li huma elenkati fl-Artikolu 9 tar-Regolament dwar in-Nomenklatura Magħquda. Fost dawn il-miżuri hemm b'mod partikolari l-possibbiltà għall-Kummissjoni li tadotta regolamenti ta' klassifikazzjoni tariffarja ta' merkanzija partikolari fin-Nomenklatura Magħquda [l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament dwar in-Nomenklatura Magħquda].

3 Fil-mument ta' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2171/2005, tat-23 ta' Diċembru 2005, dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 346, p. 7, iktar 'il quddiem ir-"regolament ikkontestat"), l-intestaturi tariffarji 8471 u 8528 tan-Nomenklatura Magħquda kienu redatti kif ġej:

— Intestatura 8528: "[a]pparat għar-riċeviment ta' televiżjoni, li fih jew le riċevituri għax-xandir tar-radju jew apparat għar-reġistrazzjoni jew riproduzzjoni ta' ħoss jew vidjo; moniter tal-vidjo u projetturi tal-vidjo";

— Intestatura 8471: "[m]agni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data u unitajiet tagħhom; apparat li jaqra b'sistema manjetika jew ottika, magni biex jittraskrivu data fuq mezzi ta' data f'għamla ikkowdjata u magni biex jipproċessaw din id-data, li m'humiex speċifikati jew inklużi band'oħra".

Informazzjoni li torbot dwar it-tariffa

4 Skond l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, p. 1), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 82/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Diċembru 1996 (ĠU 1997, L 17, p. 1 u rettifika ĠU 1997, L 179, p. 11, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali"), l-operaturi ekonomiċi jistgħu jiksbu informazzjoni li torbot dwar it-tariffa (iktar 'il quddiem l-"ITT") mingħand l-awtoritajiet doganali. Din hija informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' merkanzija partikolari li torbot lil dawn l-awtoritajiet fil-konfront ta' min jagħmel it-talba u/jew tad-detentur ta' l-ITT.

5 L-Artikolu 12 tal-Kodiċi Doganali jistipula li:

"[…]

5. Informazzjoni li torbot ma tibqax valida:

(a) fil-każ ta' informazzjoni dwar tariffi:

(i) meta regolament jiġi adottat u l-informazzjoni ma tibqax konformi mal-liġi preskritta minnu;

[…]

6. Id-detentur ta' informazzjoni li torbot li ma tibqax valida in forza tal-paragrafu 5 (a)(i) jew (ii) jew (b)(i) jew (ii) jista' jibqa' juża dik l-informazzjoni għal perjodu ta' sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni jew notifika, basta jkun ikkonkluda kuntratti li jorbtu għax-xiri jew bejgħ ta' l-o[ġ]ġetti in kwistjoni, a bażi ta' l-informazzjoni li torbot, qabel ma l-miżura ġiet adottata. Iżda, fil-każ ta' prodotti li għalihom jingħata ċertifikat ta' importazzjoni, esportazzjoni jew fissar minn quddiem meta l-formalitajiet doganali jitwettqu, il-perjodu ta' sitt xhur jinbidel bil-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat.

Fil-każ tal-paragrafu 5 (a) (i) u (i), ir-Regolament jew ftehim jista' jistipula perijodu li fih għandu japplika s-subparagrafu.

[…]"

Fatti li taw lok għall-kawża

6 Ir-rikorrenti, Apple Computer International, hija kumpannija rregolata mid-dritt Irandiż, inkarigata mill-attivitajiet Ewropej ta' Apple Computer Inc., stabbilita f'Palo Alto f'Kalifornja, (l-Istati Uniti), kreatriċi, produttriċi u bejjiegħa ta' kompjuters, softwer u aċċessorji tal-kompjuters (iktar 'il quddiem "Apple"). Ir-rikorrenti timporta u tiddistribwixxi fil-Komunità monitors tal-kulur b'display li jaħdem bi kristalli likwidi (LCD).

7 F'Settembru 2004, ir-rikorrenti talbet lill-Irish Revenue Commissioners (id-dipartiment tat-taxxa u d-dwana Irlandiż, iktar 'il quddiem l-"IRC") l-għoti ta' ITT dwar il-gamma "Cinema" tal-monitors LCD tagħha. Peress li ma kinux ċerti mill-klassifikazzjoni korretta, l-IRC bagħtu t-talba lill-Kumitat tan-Nomenklatura sabiex jiksbu l-għajnuna tiegħu.

8 F'Jannar 2005, ir-rikorrenti għamlet dimostrazzjoni lil dan il-kumitat dwar kif jaħdem il-monitor LCD 30" (pulzier) tagħha, użat flimkien ma' kompjuter Apple.

9 F'Lulju 2005, ir-rikorrenti talbet, mingħand l-awtoritajiet doganali Ġermaniżi, l-għoti ta' ITT dwar il-monitors LCD 20", 23" u 30". Dawn it-tliet prodotti kienu kklassifikati fis-subintestatatura tariffarja bil-kodiċi NM 8471 60 90.

10 F'Diċembru 2005, il-Kumitat tan-Nomenklatura ddeċieda dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' numru ta' monitors, fosthom il-monitors LCD 20", li, minħabba l-karatteristiċi tekniċi u d-deskrizzjoni tagħhom, kienu jikkorrispondu għall-monitors LCD tar-rikorrenti. Il-Kummissjoni sussegwentement adottat ir-regolament ikkontestat, li ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* tad-29 ta' Diċembru 2005. L-anness tar-regolament ikkontestat huwa magħmul minn tabella maqsuma fi tliet kolonni. Il-kolonna 1 ta' din it-tabella fiha d-deskrizzjoni talmerkanzija, il-kolonna 2 il-klassifikazzjoni fil-kodiċi NM u l-kolonna 3 r-raġunijiet għal din il-klassifikazzjoni.

11 Għalhekk, il-punt 2 fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-regolament ikkontestat fih id-deskrizzjoni tal-merkanzija li ġejja:

"2. Monitor tal-kulur b'display li jaħdem bi kristalli likwidi (LCD), b'qies djagonali ta' l-iskrin ta' 50.8 ċm (20"), li d-dimensjonijiet kompluti tiegħu huma ta' 47.1 (wisgħ a) × 40.4 (għoli) × 17.4 (fond) ċm (format 16:10) u bil-karatteristiċi li ġejjin:

— definizzjoni ta' l-iskrin: 100 dpi,

— daqs tal-pixels: 0.25 mm,

— riżoluzzjoni massima ta' 1680 × 1050 pixels,

— frekwenza fissa (fixed bandwith) ta' 120 MHz.

L-apparat huwa maħsub sabiex jintuża għall-iżvilupp ta' grafika komplessa (sistemi CAD/CAM) kif ukoll għall-muntaġġ u l-produzzjoni ta' films vidjo.

L-apparat huwa mgħammar b'interface DVI, li jippermettilu juri sinjali li jkunu ġejjin minn magna li tipproċessa data awtomatikament permezz ta' skeda grafika (graphic card) kapaċi tipproċessa sinjali tal-vidjo (per eżempju, għall-muntaġġ u l-produzzjoni tal-films vidjo).

Dan il-monitor juri wkoll testi, spread sheets, preżentazzjonijiet, eċċ.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

12 Il-kolonna 2 tat-tabella annessa mar-regolament ikkontestat tikklassifika l-merkanzija li hija elenkata fil-kodiċi NM 8528 21 90.

13 Il-kolonna 3 ta’ din it-tabella tagħti r-raġuni li ġejja għall-klassifikazzjoni indikata fil-kolonna 2:

“Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Noti 5(B) u 5(E) tal-Kapitolu 84 u mill-kliem tal-kodiċi 8528, 8528 21 u 8528 21 90 tan-Nomenklatura Magħquda.

Klassifikazzjoni taħt is-subintestatura 8471 60 hija eskluża, peress li l-monitor ma jintużax esklużivament jew prinċipalment f’sistema li tipproċessa data awtomatikament (ara n-Nota 5(B) tal-Kapitlu 84).

L-apparat ma jistax jiġi kklassifikat fl-intestatura 8531, peress li m’għandux il-funzjoni li jipprovdi indikazzjoni viżwali għal finijiet tas-sinjalazzjoni. (ara n-Noti ta’ Spjega tas-Sistema Armonizzata dwar l-intestatura 8531, punt D).

Dan l-apparat huwa intiż sabiex juri sinjali ta’ vidjo għal grafika kif ukoll għall-muntaġġ u għall-produzzjoni ta’ films vidjo f’sistemi CAD/CAM jew f’sistema ta’ muntaġġ ta’ vidjo (ara n-Nota 5(E) tal-Kapitolu 84).” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

14 Skond l-Artikolu 12(5)(a)(i) tal-Kodiċi Doganali, l-ITT maħruġa mill-awtoritajiet doganali Ġermaniżi għall-monitor LCD 20" tar-rikorrenti ma kinitx għadha valida, peress li ma kinitx għadha konformi mal-klassifikazzjoni mogħtija mir-regolament ikkontestat.

Proċeduri u t-talbiet tal-partijiet

15 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-14 ta' Marzu 2006, ir-rikorrenti ressqet dan ir-rikors.

16 B'att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-2 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni, skond l-Artikolu 114 tar-Regoli tal-Proċedura, qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

17 Fit-18 ta' Lulju 2006, ir-rikorrenti ppreżentat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha dwar din l-eċċezzjoni.

18 Fir-rikors tagħha, ir-rikorrenti titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza:

— tiddikjara li l-klassifikazzjoni li tinsab fil-punt 2 tat-tabella annessa mar-regolament ikkontestat, minkejja li magħmula taħt il-forma ta' regolament, fir-realtà hija ekwivalenti għal deċiżjoni li tikkonċernaha individwalment u direttament;

— tannulla r-regolament ikkontestat safejn jikklassifika l-monitor LCD tat-tip deskritt fil-punt 2 tat-tabella annessa ma' dan ir-regolament, taħt il-kodiċi NM 8528 21 90;

— tiddikjara li l-monitors li bil-karatteristiċi tekniċi deskritti fil-punt 2 tat-tabella annessa mar-regolament ikkontestat għandhom ikunu kklassifikati kif suppost taħt l-intestatura 8471 tan-Nomenklatura Magħquda;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

19 Fl-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tagħha, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza:

— tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

20 Fl-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, ir-rikorrenti titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza:

— tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kummissjoni;

— sussidjarjament, tirriżerva d-deċiżjoni tagħha dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għas-sentenza li għandha tingħata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Id-dritt

21 Skond l-Artikolu 114 tar-Regoli tal-Proċedura, jekk ikun hemm talba ta' parti f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza tista' tiddeċiedi dwar l-inammissibbiltà mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża. Skond it-tielet paragrafu ta' l-istess artikolu, sakemm il-Qorti tal-Prim'Istanza ma tiddeċidix mod ieħor, il-proċeduri jitkomplew oralment. Fil-kawża preżenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis li għandha biżżejjed informazzjoni mill-evalwazzjoni tad-dokumenti tal-proċess sabiex tiddeċiedi dwar it-talba mingħajr ma tiftaħ il-proċedura orali.

Argumenti tal-partijiet

22 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni tqis li r-rikors huwa parzjalment inammissibbli peress li fih qed jintalab l-annullament ta' l-erba' punti kollha — u mhux tal-punt 2 biss — tat-tabella annessa mar-regolament ikkontestat, minkejja li l-argumenti kollha invokati mir-rikorrenti jikkonċernaw il-monitor LCD 20" li hija tikkummerċjalizza. Konsegwentement, ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli peress li fih qed jintalab l-annullament tal-punti 1, 3 u 4 tat-tabella annessa mar-regolament ikkontestat.

23 Fit-tieni lok, hija tqis li f'din il-kawża, ir-rikorrenti mhijiex individwalment ikkonċernata mir-regolament ikkontestat. Dan jikkonċerna sitwazzjoni ddeterminata oġġettivament, li tinvolvi effetti legali għal kategoriji ta' persuni meqjusa b'mod ġenerali u astratt, u b'mod partikolari l-importaturi tal-prodotti li huwa jiddeskrivi. Il-Kummissjoni tqis, b'mod partikolari, li skond ġurisprudenza stabbilita, l-operaturi mhumiex individwalment ikkonċernati mir-regolamenti ta' klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda.

24 In sostenn ta' l-argumenti tagħha, hija ssemmi, b'mod partikolari, żewġ digrieti tal-Qorti tal-Prim'Istanza, jiġifieri d-digriet tad-29 ta' April 1999, Alce vs Il-Kummissjoni (T-120/98, Ġabra p. II-1395), u d-digriet tat-30 ta' Jannar 2001, Iposea vs Il-Kummissjoni (T-49/90, Ġabra p. II-163), li fihom il-Qorti tal-Prim'Istanza, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tariffarja, ċaħdet ir-rikorsi bħala inammissibbli.

25 Barra minn hekk, il-kawża li tat lok għas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Settembru 2003, Sony Computer Entertainment Europe vs Il-Kummissjoni (T-243/01, Ġabra p. II-4189), hija l-unika kawża li fiha operatur ġie kkunsidrat bħala individwalment ikkonċernat minn regolament ta' klassifikazzjoni tariffarja u dan fid-dawl ta' l-eżistenza ta' erba' fatturi flimkien li ma jeżistux f'din il-kawża.

26 Fil-fatt, iċ-"ċirkustanzi eċċezzjonali" tal-kawża li tat lok għas-sentenza Sony Computer Entertainment Europe vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, f'dan il-każ ma ġewx stabbiliti biżżejjed sabiex wieħed ikun jista' jasal għall-istess konklużjoni. B'mod partikolari, it-talba għal għajnuna indirizzata mill-IRC lill-Kumitat tan-Nomenklatura dwar il-klassifikazzjoni tal-prodott in kwistjoni jista' jkollha biss importanza minima jew nulla, peress li l-proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' regolament ta' klassifikazzjoni tariffarja mill-Kummissjoni dejjem tinbeda minħabba

diffikultajiet marbutin mal-klassifikazzjoni ta' prodott. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma kinitx għamlet dimostrazzjoni ta' kif jaħdem il-prodott tagħha fuq bażi personali, iżda bħala membru ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Industriji Ewropej tat-Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (EICTA). F'dan ir-rigward, il-prodott li kien ġie ppreżentat kien monitor ta' 30", filwaqt li l-prodott in kwistjoni huwa monitor ta' 20", li konsegwentement, qatt ma ġie eżaminat mill-Kumitat tan-Nomenklatura.

27 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tafx b'xi deċiżjoni ta' qrati nazzjonali dwar il-klassifikazzjoni tal-prodott in kwistjoni, deċiżjoni li l-eżitu tagħha jiddependi mir-regolament ikkontestat.

28 Ir-rikorrenti mhijiex l-unika impriża li hija effettivament jew potenzjalment affettwata mir-regolament ikkontestat. Dan ir-regolament ma fih l-ebda ritratt tal-prodotti tagħha u lanqas fih referenza għal logo, għal trade mark jew għal dritt ta' proprjetà li hija jista' jkollha. Dan in-nuqqas ta' drittijiet esklużivi ta' importazzjoni ta' monitors LCD li għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħal dawk elenkati fil-kolonna 1 tal-punt 2 tat-tabella annessa mar-regolament ikkontestat kien ukoll ikkonfermat mir-rikorrenti stess fit-talba tagħha għas-sospensjoni tariffarja u fl-ittra mibgħuta ma' din it-talba lill-awtoritajiet Irlandiżi wara l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat.

29 Finalment, ir-rikorrenti ma allegatx li hija kienet l-unika importatriċi awtorizzata tal-prodott in kwistjoni.

30 Ir-rikorrenti ssostni li l-klassifikazzjoni li tinsab fil-punt 2 tat-tabella annessa mar-regolament ikkontestat, minkejja li hija ppreżentata taħt il-forma ta' regolament, fir-realtà hija deċiżjoni li tikkonċernaha direttament u individwalment.

31 Hija tenfasizza li skond ġurisprudenza stabbilita, att ta' applikazzjoni ġenerali jista', f'ċerti ċirkustanzi, jikkonċerna direttament u individwalment xi operaturi ekonomiċi u, għalhekk, jista' jiġi kkontestat minnhom abbażi tar-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE (ara s-sentenza Sony Computer Entertainment Europe vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 59, u l-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq). Skond ir-rikorrenti, il-"kriterji Plaumann" huma ssodisfati f'din il-kawża.

32 Ir-rikorrenti ssostni li r-regolament ikkontestat jaffettwa direttament il-pożizzjoni legali tagħha u ma jħalli l-ebda marġni ta' diskrezzjoni lid-destinatarji ta' din il-miżura, li huma inkarigati mill-implementazzjoni tagħha, peress li għandha natura purament awtomatika u li tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni Komunitarja mingħajr l-applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Mejju 1998, Dreyfus vs Il-Kummissjoni, C-386/96 P, Ġabra p. I-2309, punt 43).

33 Fir-rigward ta' l-interess individwali, ir-rikorrenti tqis li r-regolament ikkontestat jikkonċernaha minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għaliha jew minħabba ċirkustanza li tiddifferenzjaha minn kull persuna oħra u b'hekk, tindividwaha bl-istess mod bħalma kien ikun id-destinatarju ta' deċiżjoni.

34 F'dan ir-rigward, hija ssostni li l-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat ġiet mibdija minħabba t-talba tagħha għall-għoti ta' l-ITT ippreżentata lill-IRC f'Settembru 2004 u li dawn bagħtu lill-Kumitat tan-Nomenklatura sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu. F'Jannar 2005, fuq talba tagħha u bl-appoġġ ta' l-EICTA, ir-rikorrenti għamlet ukoll dimostrazzjoni dwar l-użu tal-monitor LCD 30" tagħha lill-membri ta' dan il-kumitat. Barra minn hekk, fl-Istati Membri tqassam abbozz ta' regolament ta' klassifikazzjoni tariffarja li kien jirreferri għal monitors "Apple type". Dan kien anness ma' dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni bir-referenza TAXUD/573/2005.

35 Skond ir-rikorrenti, l-ebda apparat ieħor identiku jew simili ma kien is-suġġett ta' dimostrazzjoni jew ta' diskussjoni quddiem il-Kumitat tan-Nomenklatura fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat. Barra minn hekk, hija l-unika impriża li għandha ITT għal dan il-prodott taħt l-intestatura 8471.

36 Hija ssostni, barra minn hekk, li r-regolament ikkontestat huwa intiż speċifikament għall-klassifikazzjoni tal-monitor LCD 20" ta' Apple, peress li l-punt 2 tat-tabella annessa ma' dan ir-regolament jiddeskrivi fid-dettall il-karatteristiċi tal-prodott u peress li m'hemm l-ebda prodott ieħor b'karatteristiċi simili fis-suq. Konsegwentement, ir-rikorrenti hija l-unika impriża li l-pożizzjoni legali tagħha hija, jew tista' tkun, affettwata bl-adozzjoni tar-regolament ikkontestat.

37 Fir-rigward tas-sentenza Sony Computer Entertainment Europe vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ssostni li ċ-ċirkustanzi fattwali fil-kawża li tat lok għaliha mhumiex l-uniċi "ċirkustanzi eċċezzjonali" li jistgħu jwasslu sabiex impriża tkun individwalment ikkonċernata. Għall-kuntrarju, il-prinċipju superjuri li jirriżulta impliċitament minn din is-sentenza huwa li ċ-ċirkustanzi kollha fattwali ta' kawża, ikunu liema jkunu, għandhom jiġu kkunsidrati kumplessivament u fil-kuntest tagħhom sabiex jiġi evalwat jekk klassifikazzjoni tariffarja partikolari, minkejja li tkun redatta b'mod ġenerali u astratt, tkunx tirrigwarda prodott partikolari.

38 Jeżisti xebh qawwi bejn il-kawża li tat lok għas-sentenza Sony Computer Entertainment Europe vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u din il-kawża, b'mod partikolari, il-fatt li ż-żewġ klassifikazzjonijiet inbdew minħabba talba għall-ITT mir-rikorrenti rispettivi u li fiż-żewġ kawżi l-Kummissjoni kienet ikkuntattjata minħabba problema ta' klassifikazzjoni li ltaqgħu magħha l-awtoritajiet nazzjonali. Barra minn hekk, il-proċeduri nazzjonali fir-rigward tat-talbiet ta' klassifikazzjoni tar-rikorrenti ppreżentati lill-IRC għall-monitors LCD 20", 23" u 30" huma kollha affettwati mir-regolament ikkontestat.

39 Ir-rikorrenti għamlet id-dimostrazzjoni ta' kif jaħdem il-prodott in kwistjoni taħt il-patroċinju ta' l-EICTA unikament minħabba l-insistenza tal-Kummissjoni dwar il-preżenza ta' rappreżentant ta' din il-federazzjoni professjonali u l-impossibbiltà li jinstabu dati oħra sabiex tiġi organizzata din il-preżentazzjoni. Barra minn hekk, l-użu ta' monitor LCD 30" jirrifletti sempliċement il-fatt li l-preżentazzjoni saret f'sala kbira u li monitor bħal dan kien jippermetti lill-membri tal-kumitat jaraw aħjar, peress li ż-żewġ prodotti, minbarra l-qies tagħhom, kienu identiċi.

40 Imbagħad, ir-rikorrenti tqis li, anki jekk ir-regolament ikkontestat ma fih l-ebda ritratt tal-logo Apple, m'hemm ebda dubju li l-membri tal-Kumitat tan-Nomenklatura kienu jafu li kienu qed jiddiskutu l-klassifikazzjoni xierqa għall-monitor LCD ta' Apple, xi ħaġa li ġiet ikkonfermata mill-fatt li kien issemma, per eżempju, f'dikjarazzjoni ta' l-IRC lill-Kumitat tan-Nomenklatura.

41 Fir-rigward tat-talba għas-sospensjoni tariffarja tar-rikorrenti, din ma tagħmilx referenza ċara għall-monitor LCD 20" ta' Apple, peress li d-deskrizzjoni li fiha hija ġenerika, kif jeżiġu l-linji gwida tal-Kummissjoni.

42 Finalment, il-fatt li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza Sony Computer Entertainment vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-kumpannija Sony kienet l-unika importatriċi awtorizzata tal-prodott in kwistjoni fil-Komunità ma kienx rilevanti sabiex jiġi stabbilit li hija kienet individwalment ikkonċernata. Barra minn hekk, fir-realtà, huwa impossibbli li tkun l-unika importatriċi ta' prodott bħal dan minħabba l-eventwali xiri dirett li jsir permezz ta' l-Internet.

43 Fir-rigward tas-suġġett tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tippreċiża li hija titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza tannulla l-punt 2 tat-tabella annessa mar-regolament ikkontestat, mingħajr ma tannulla l-miżura kollha.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

44 Skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE, l-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament imressaq kontra regolament minn persuna fiżika jew ġuridika hija suġġetta għall-kundizzjoni li, fir-realtà, ir-regolament ikkontestat ikun, fis-sustanza tiegħu, deċiżjoni li tikkonċernaha direttament u individwalment. Skond ġurisprudenza stabbilita, il-kriterju tad-distinzjoni bejn regolament u deċiżjoni għandu jkun imfittex fl-applikazzjoni ġenerali jew le ta' l-att in kwistjoni. Att ikollu applikazzjoni ġenerali jekk japplika għal sitwazzjonijiet iddeterminati oġġettivament u jekk jipproduċi effetti legali għal kategoriji ta' persuni meqjusa b'mod ġenerali u astratt (ara d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Settembru 2007, Honig-Verband vs Il-Kummissjoni, T-35/06, Ġabra, p. II-2865, punt 39, u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Barra minn hekk, skond ġurisprudenza stabbilita, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi ma jistgħux, bħala prinċipju, skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE, jippreżentaw rikors għal annullament kontra regolamenti ta' klassifikazzjoni tariffarja. Minkejja l-apparenza konkreta tad-deskrizzjonijiet li fihom, dawn l-atti xorta mhumiex ta' applikazzjoni ġenerali peress li, minn naħa, huma jikkonċernaw il-prodotti kollha li jikkorrispondu għat-tip deskritt, ikunu x'ikunu inċidentalment il-karatteristiċi individwali u l-provenjenza tagħhom u, min-naħa l-oħra, huma jipproduċu l-effetti tagħhom, fl-interess ta' applikazzjoni uniformi tat-tariffa doganali komuni, għall-awtoritajiet kollha doganali tal-Komunità u fir-rigward ta' l-importaturi kollha (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-14 ta' Frar 1985, Casteels vs Il-Kummissjoni, 40/84, Ġabra p. 667, punt 11, u s-sentenza Sony Computer Entertainment Europe vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 58, u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 F'din il-kawża, il-punt 2 tat-tabella annessa mar-regolament ikkontestat jistipula li l-merkanzija li għandha l-karatteristiċi deskritti fil-kolonna 1 għandha tiġi kklassifikata, fin-Nomenklatura Magħquda, taħt il-kodiċi NM 8528 21 90. Id-dispożizzjoni tapplika għall-prodotti kollha simili jew li jikkorrispondu għat-tip deskritt, ikunu x'ikunu inċidentalment il-karatteristiċi individwali u l-provenjenza tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Casteels vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 11).

47 Din id-dispożizzjoni hija għalhekk miżura ta' applikazzjoni ġenerali, skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 249 KE. Hija tapplika għal sitwazzjoni ddeterminata oġġettivament u li tinvolvi effetti legali għal kategoriji ta' persuni meqjusa b'mod ġenerali u astratt, b'mod partikolari, għall-importaturi tal-prodotti li tiddeskrivi (ara, f'dan is-sens, id-digriet Iposea vs Il-Kumissjoni, iċċitat iktar 'il fuq, punt 24, u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Madankollu, anki att ta' applikazzjoni ġenerali jista', f'ċerti ċirkustanzi, jikkonċerna individwalment ċerti operaturi ekonomiċi, li jistgħu għalhekk jikkontestawh abbażi tar-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE, madankollu bil-kundizzjoni li dan l-att jaffettwahom minħabba ċerti kwalitajiet li jkunu partikolari għalihom jew minħabba ċirkustanza li tiddifferenzjahom minn kull persuna oħra u, b'hekk tindividwahom bl-istess mod bħalma kien ikun id-destinatarju ta' deċiżjoni (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni, 25/62, Ġabra p. 197, 223, u tat-18 ta' Mejju 1994, Codorníu vs Il-Kunsill, C-309/89, Ġabra p. I-1853, punt 20).

49 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni, b'mod partikolari, li l-klassifikazzjoni in kwistjoni ġiet mibdija minħabba t-talba tagħha għall-ITT mingħand l-IRC, li l-ebda prodott ieħor simili ma kien is-suġġett ta' dimostrazzjoni quddiem il-Kumitat tan-Nomenklatura u li, abbażi tad-dimostrazzjoni dwar kif jaħdem il-prodott in kwistjoni, fl-Istati Membri kien tqassam abbozz ta' regolament ta' klassifikazzjoni tariffarja li kien jirreferi għal monitors "Apple type".

50 Madankollu, tali ċirkustanzi ma jindividwawx lir-rikorrenti skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE. Fil-fatt, il-parteċipazzjoni ta' operatur fil-proċedura ta' adozzjoni ta' att ma tindividwahx fir-rigward ta' dak l-att ħlief meta l-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli tagħtih ċerti garanziji proċedurali (ara d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-14 ta' Diċembru 2005, Arizona Chemical *et* vs Il-Kummissjoni, T-369/03, Ġabra p. II-5839, punt 72, u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan mhuwiex il-każ f'din il-kawża.

51 Barra minn hekk, għalkemm ċirkustanzi simili ttieħdu in kunsiderazzjoni sabiex ir-rikors ippreżentat fil-kuntest tal-kawża li tat lok għas-sentenza Sony Computer Entertainment Europe vs Il-Kumissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, jiġi ddikjarat ammissibbli, dawn ma setgħux, l-iktar fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq, ikunu l-fattur determinanti. Huwa biss "fid-dawl ta' dak kollu li ntqal preċedentement [u] fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali ta' dan il-każ" li, f'din il-kawża, ir-rikorrenti ġiet rikonoxxuta bħala individwalment ikkonċernata (sentenza Sony Computer Entertainment Europe vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 77).

52 L-istess japplika għal dak li jirrigwarda l-fatt li r-rikorrenti kienet l-unika impriża li kellha l-ITT għall-prodott in kwistjoni taħt l-intestatura 8471. Minn naħa, il-validità limitata ta' ITT hija stabbilita mill-Artikolu 12 tal-Kodiċi Doganali nnifsu. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi mfakkar li, skond ġurisprudenza stabbilita, il-fatt li jkun possibbli li jiġi ddeterminat, bi ftit jew wisq preċiżjoni, in-numru jew anki l-identità ta' dawk li tapplika għalihom miżura, ma jfissirx li dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala individwalment ikkonċernati mill-miżura in kwistjoni, sakemm ir-regolament japplika abbażi ta' sitwazzjoni oġġettiva ta' dritt jew ta' fatt definita mill-att in kwistjoni (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Frar 2000, ACAV *et* vs Il-Kunsill, T-138/98, Ġabra p. II-341, punt 64, u digriet Iposea vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar 'il fuq, punt 31).

53 Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li s-sempliċi fatt jekk ir-rikorrenti hijiex jew le l-unika importatriċi awtorizzata tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità huwa fattur ta' evalwazzjoni ta' l-interess individwali tagħha biss "fid-dawl tal-fatturi l-oħra invokati iktar 'il fuq", iżda mhuwiex biżżejjed, fih innifsu, sabiex juri li r-rikorrenti

hija individwalment ikkonċernata mir-regolament ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Sony Computer Entertainment Europe vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 75). F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma tippretendix li hija l-importatriċi esklużiva tal-monitors LCD in kwistjoni u ma ssemmi l-ebda dritt li jippermettilha tipprojbixxi l-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Hija kkonċernata mir-regolament ikkontestat biss fil-kwalità oġġettiva tagħha ta' waħda mill-importaturi eżistenti jew potenzjali tal-monitors LCD 20".

54 F'dak li jirrigwarda d-deskrizzjoni tal-prodott suġġett tal-klassifikazzjoni in kwistjoni, din hija ġenerali wisq. Barra minn hekk, l-ebda ritratt, logo jew sinjal ieħor li juru l-marka Apple ma jidhru fit-tabella annessa mar-regolament ikkontestat.

55 Din il-konklużjoni mhijiex invalidata bil-fatt li saret referenza għall-monitors Apple fid-dikjarazzjoni ta' l-IRC lill-kumitat tan-nomenklatura jew bit-tqassim allegat, iżda mhux ippruvat, fl-Istati Membri, ta' abbozz ta' regolament ta' klassifikazzjoni tariffarja li jirreferi għall-monitors "Apple type". Dan kien riferiment, fl-istadju tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, għal prodott ġeneriku ta' referenza u mhux għal identifikazzjoni tal-prodott speċifiku.

56 Fil-qosor, ir-rikorrenti tinsisti fuq allegata adozzjoni tar-regolament ikkontestat abbażi tat-talba tagħha għall-ITT u tad-dimostrazzjoni dwar kif jaħdem il-prodott in kwistjoni lill-Kumitat tan-Nomenklatura, fuq it-tqassim ta' abbozz ta' regolament ta' klassifikazzjoni tariffarja tal-monitors "Apple type" u fuq il-fatt li hija kienet l-uniku waħda li kellha l-ITT taħt l-intestatura 8471.

57 Minn dak kollu li ntqal preċedentement jirriżulta li l-ebda wieħed minn dawn il-fatturi m'huwa biżżejjed, fih innifsu, sabiex jiġi konkluż li r-rikorrenti kienet

individwalment ikkonċernata mir-regolament ikkontestat. Madankollu, — fid-dawl tas-sentenza Sony Computer Entertainment Europe vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq — hemm lok li jiġi analizzat jekk, "fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali ta' dan il-każ", ir-regolament ikkontestat jindividwalizzax lir-rikorrenti bl-istess mod bħalma kien ikun id-destinatarju ta' deċiżjoni.

58 Madankollu, dan mhuwiex il-każ. Id-deskrizzjoni pjuttost ġenerali tal-merkanzija kkonċernata kif ukoll in-nuqqas ta' fattur viżwali jew ta' kitba li jagħmel referenza ċara għal operatur ekonomiku konkret, jeskludu, f'din il-kawża, kull interess individwali tar-rikorrenti.

59 Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti mhijiex ikkonċernata mir-regolament ikkontestat ħlief fil-kwalità oġġettiva tagħha ta' importatriċi ta' monitors LCD bħal dawk imsemmija fit-tabella annessa ma' dan ir-regolament, bl-istess mod bħal kull operatur, eżistenzi jew potenzjali, li jinsab f'sitwazzjoni identika.

60 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li r-rikorrenti mhijiex individwalment ikkonċernata mir-regolament ikkontestat u li għaldaqstant ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

61 Skond l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, skond it-talba tal-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Il-Ħames Awla)

tordna:

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) Apple Computer International hija kkundannata għall-ispejjeż.

Mogħti fil-Lussemburgu, fid-19 ta' Frar 2008.

E. Coulon — M. Vilaras

Reġistratur — President